**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 3 ta' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Spagnol**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mario Spagnol**, iben Guzeppi u Karmena *nee'* Vella, mwieled il-Fgura, nhar it-13 ta' Settembru, 1961, residenti gewwa 28, *Cheznous*, Triq ic-Crieki, Marsaxlokk, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 588161M, senjatament akkuzat talli;

1. Nhar it-18 ta' Novembru, 2019, ghall-habta tas-14:00*hrs* fl-inhawi ta' Marsaskala u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jikkoncernaw spezzjoni li saret f'ghalqa fil-limiti ta' Marsascala (fl-area maghrufa bhala ta' Lambordi) nhar it-18 ta' Novembru 2019 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Malli wasslu l-pulizija fuq il-post huma osservaw lill-qua imputat Spagnol miexi lejhom min-naha fejn wara rrizulta li kien hemm l-imnasab armati. Il-pulizija imxew lejn l-imnasab flimkien ma Spagnol u hemmhekk sabu zewg imnasab armati bix-xbiek u bi tlettax-il ghasafar tal-ghana fuq l-istess imnasab (bi tlieta minnhom li kjarament kienu qed jintuzaw ghat-tahrik) bil-gbid tax-xbieki jaghti ghal gewwa d-dura. Rapprezentant tal-WBRU ikkonferma li fil-jum indikat fic-citazzjoni, Spagnol kellu licenzja generali tal-insib izda ma kellux licenzja specjali ghall-insib tenut kont li f'dik is-sena l-istagun tal-insib ma nftetahx.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni stess jirrizulta li l-qua imputat ma kienx fid-dura ghal-fejn kien jaghti il-gbid tax-xbiek tal-mansab izda kien miexi fid-direzzjoni tal-pulizija barra mill-ghalqa. Konsegwentament ghalkemm l-imputat setgha kellu l-imnasab armati, l-pulizija fl-ebda hin ma raw lill-imputat jittanta jonsob. Fl-affidavits taghhom PS 279 Gauci jiddikjara li meta mitkellem mill-pulizija l-qua imputat "beda jindika li kien qed jirrealizza li kien ghadu kif dahal fl-inkwiet bil-kliem tieghu fejn fosthom beda jghid "Jien marid Sir, Ma jirnexxilix ma nigix nonsob"". Ghalkemm huwa minnu li jekk dan id-diskors intqal mill-imputat huwa wiehed ta' suspett, fil-fehma ta' din il-Qorti ma huwiex bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dan il-ghaliex id-diskors ma jipprovax direttament li dakinhar u fil-hin indikat fic-citazzjoni l-imputat kien qed jonsob.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed issib lill-qua imputat **Mario Spagnol** mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur